**NAXXAR**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IL-ĦAMES KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 46 - IT-TLIETA 27 TA' JANNAR 2009**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fit-8:35pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Maria F. Deguara, M.D. | Sindku |
| | Is-Sra Speranza Xuereb | Viċi Sindku |
| | Is-Sur Joe Grech | Kunsillier |
| | Is-Sur Noel Gatt | Kunsillier |
| | Is-Sur Anthony Grech | Kunsillier |
| | Is-Sur Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| Skużati: | Is-Sur Victor Agius | Kunsillier |
| | Is-Sra Pauline Miceli | Kunsillier |
| | Is-Sur Joseph Catania | Kunsillier |
| | Is-Sur Glenn Fenech | Kunsillier |
| Pubbliku: | Ma kienx hemm pubbliku preżenti. | |

**1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

1.1. Fil-bidu tal-laqgħa s-SE informa li s-Sinjuri Victor Agius, Pauline Miceli, Joseph Catania u Glenn Fenech kien talbu biex ikunu skużati mil-laqgħa.

1.2. Is-Sindku rringrazzjat lil kulħadd għall-kondoljanzi espressi mill-membri kollha tal-Kunsill għall-mewt ta' omm ir-raġel tagħha.

1.3. Il-Minuti tal-laqgħa ta' qabel ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u s-SE.

1.4. Il-Viċi Sindku staqsiet dwar para. 8.1 dwar iż-żbir tas-siġar fejn is-SE wieġeb li kien għadu ma sarx kuntatt dwarhom.

1.5. Il-Kunsillier Gatt staqsa dwar il-ħlas ta' Elio Lombardi fejn is-SE informa li kif ikollu l-*invoice* se jibgħatlu l-ħlas dovut.

1.6. Il-Viċi Sindku staqsiet dwar il-para. 9 fejn is-SE informa li l-każ għadu fl-istadju ta' diskussjoni u għalhekk mhux konkluż.

1.7. Il-Viċi Sindku staqsiet dwar para. 10 dwar it-tibdil tal-ħinijiet tal-ftuħ tal-grawnd fejn is-SE informa li l-ftuħ qiegħed isir skont kif iddeċieda l-Kunsill.

1.8. Il-Viċi Sindku staqsiet dwar l-attività tal-karnival. Is-SE informa li x-xogħol fuq din l-attività jinsab għaddej u fil-fatt sar kuntatt ma' Curtain Raiser Entertainment li offrew is-servizzi tagħhom ta' animazzjoni komplut bl-apparat tal-ħoss għall-prezz ta' €383.50. Il-Kunsillier Joe Grech informa li kien kellem lil tal-*candyfloss* iżda kien għad ma kellux informazzjoni dwar spejjeż.

## 2. KOMUNIKAZZJONIJIET MIS-SINDKU

2.1. Is-Sindku tkellmet dwar problemi li qed jirriżultaw wara u waqt li jsir żviluppi. Hija infurmat li waħda minn dawn il-problemi hija ta' żvilupp li sar fi Triq Ġużeppi Stivala (ħdejn ċertu Peter) u li b'riżultat ghadhom bla bankina. Kien hemm qbil li niktbu lill-MEPA minħabba l-ħsarat.

2.2. Dwar para. 2.1 is-Sindku infurmat li d-delegazzjoni minn Reggio fl-Italja kellhom xi problema u ma setgħux idumu Malta. Hija se tkun ikkuntattjata meta jerġa' jkollhom l-opportunità li jkunu Malta.

2.3. Dwar para. 2.3 dwar iż-żjara minn delegazzjoni minn Mornago hija infurmat li l-pjanijiet huma li jsir kunċert bil-kor tan-Naxxar filwaqt li ndawruhom postijiet ta' interess.

2.4. Il-Kunsillier Anthony Grech staqsa jekk kienx hemm xi risposta mill-ADT dwar Triq ta' Mezzi fejn is-SE wieġeb fin-negattiv.

2.5. Is-Sindku infurmat li rigward ix-xogħol fuq il-bitħa tad-Dar Sagra Familja jeħtieġ li jibda jsir xi ħaġa.

2.6. Is-Sindku infurmat li qed ikun propost li ssir *bye law* li tikkontrolla l-infurzar dwar il-ħmieġ taż-żwiemel. Dan minħabba l-ammont ta' ilmenti mir-residenti tal-Magħtab u ta' Baħar iċ-Ċagħaq. Is-SE għandu jkellem lill-avukat dwar dan.

2.7. Is-Sindku pproponiet li l-Kunsill għandu jagħmel tentattiv biex jibdew jitniżżlu l-*wires* ta' Triq il-Kbira għal taħt it-triq bi preparazzjoni għall-proġett ta' din it-triq.

2.8. Il-Viċi Sindku staqsiet dwar dik l-ittra ta' persuna b'diżabilità li qed jipparkja fit-tul viċin il-Knisja. Is-SE wieġeb li ma jarax x'jista' jagħmel sakemm, min jipparkja fil-parkeġġ riservat għall-persuni b'diżabilità, jkollu l-permess li jagħmel dan.

2.9. Il-Kunsillier Twanny Grech staqsa jekk kienx hemm xi żviluppi fir-rigward tax-xibka tal-grawnd. Is-SE informa li kien għadu qiegħed jistenna mingħand il-Perit iżda wiegħed li se jerġa' jkellmu.

2.10. Is-SE informa li fir-rigward tal-applikazzjoni għall-iżvilupp tal-ġnien ta' Baħar iċ-Ċagħaq is-sitwazjoni s'issa hija li l-applikazzjoni ma tistax tintefa' l-MEPA qabel ma jkun hemm il-*clearance* mill-Awtorità Maltija għat-Turiżmu. Huwa kien bagħat it-talba formali lill-Awtorità iżda kien għadu mingħajr risposta. Huwa wiegħed li se jindaga fiex waslu l-affarijiet mal-istess Awtorità.

2.11. Il-Viċi Sindku ġibdet l-attenzjoni dwar it-tappiera li qed tħabbat quddiem it-terminus tal-karozzi tal-linja.

## 3. ĦLAS TA' KONTIJIET

3.1. Is-SE ressaq il-lista ta' pagamenti pendenti. Huwa informa li xi wħud minnhom għad irid jikkonfermahom għaliex ma kienx possibli li jiġu ċċekjati qabel. Il-Kunsill approva l-pagamenti suġġett li jkunu kkonfermati mis-SE. Il-lista hija annessa f'A.

## 4. APPLIKAZZJONI GĦALL-ISKEMA TA' FFRANKAR TA' ENERĠIJA

4.1. Is-SE informa li kienet tnediet skema mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali fejn kunsill lokali jista' japplika għal fondi biex jagħmel proġett biex jiffranka l-enerġija. Għal dan hemm allokat €150,000 biex jitqassmu bejn l-aħjar 15-il proġett li kull wieħed jista' jieħu sa massimu ta' €10,000.

4.2. Minħabba li l-iskema tiffavorixxi għaqda ta' numru ta' Kunsilli, permezz tal-Inġinier tal-Kunsill, tħejjew applikazzjonijiet għal numru ta' Kunsilli Lokali li xi wħud

minnhom applikaw għal inqas mill-massimu li jistgħu jiksbu filwaqt li oħrajn applikaw għal aktar billi jiffinanzjaw il-kumplament.

4.3. Il-proġett jikkonsisti f'installazzjoni ta' pannelli fotovoltajki fuq il-bjut tal-Kunsilli minħabba li dawn huma l-aktar sistemi effiċjenti. Biex iżid il-valur tal-proġett dawn mistennija jkunu mqabbda mal-Internet biex il-manifattur ikunu jista' jikkalkula bl-eżatt kemm qed jiġġeneraw enerġija.

4.4. Biex il-Kunsill jibbenefika kemm jista' kien suġġerit li l-Kunsill jinstalla, jekk ikun approvat il-proġett, b'kemm jiswew €14,500 f'pannelli filwaqt li €10,000 minnhom ikunu ffinanzjati mill-Gvern.

## 5. SKEMA DWAR ATTIVITAJIET SPORTIVI

5.1. Is-SE informa li kienet tnediet skema dwar organizzazzjoni ta' attivitajiet sportivi li, kemm-il darba l-Kunsill jidħol għaliha u tkun approvata, jkun mistenni li joħroġ nofs l-ispejjeż involuti. Il-massimu ta' fondi li jistgħu jingħataw jammontaw għal €3,000 (jekk l-ispiża totali tlaħħaq is-€6,000).

5.2. Il-Kunsill qabel li jipparteċipa u għalhekk alloka s-somma ta' €3,000 biex tingħaqad mal-fondi li jistgħu jinkisbu għall-attivitajiet sportivi. Il-Kunsill qabel ukoll li jinkariga lill-Kunsillieri Gatt u Fenech biex jieħdu ħsieb jikkoordinaw l-applikazzjoni u l-eventwali attivitajiet.

## 6. ATTIVITAJIET

6.1. Minħabba li fl-aħħar laqgħa ma kinitx ġiet konkluża d-deċiżjoni dwar NaxxarFest is-SE fakkar li kienet meħtieġa deċiżjoni fl-iqsar żmien possibli. Huwa ħa l-opportunità li jinforma lill-Kunsill li aktar kmieni din is-sena kien hemm applikazzjonijiet għall-fondi għal attivitajiet kulturali li iżda l-Kunsill Lokali Naxxar, minħabba li ma kellu xejn ippjanat, speċjalment fix-xhur barra l-perjodu Ġunju sa Settembru, li kienu eliġibbli għall-applikazzjoni, ma setax jipproponi li tintefa' l-applikazzjoni.

6.2. Wara diskussjoni kien hemm qbil li l-attività li jmiss issir f'April għal meta jiġu r-rappreżentanti mill-Kunsill ta' Mornago. Din l-attività għandha tinkludi mwejjed b'xi ikel Malti fost attivitajiet oħra inkluż xi kompetizzjonijiet biex jinħoloq interess akbar fost il-pubbliku.

6.3. Is-SE informa li kien ġie kkuntattjat mis-Sindku ta' Mornago fejn esprima l-ħsieb li jiġu Malta fil-bidu ta' April. Madanakollu għad m'hemm xejn ikkonfermat.

6.4. Sadanittant il-Kunsill qabel li tinxtara bandiera pulita tal-uffiċċju kif ukoll *banners* żgħar (madwar 20).

6.5. Il-Kunsill qabel li jindaga mal-Awtorità Maltija għat-Turiżmu jekk hux possibbli li tislef bnadar u bandalori għal din l-attività.

6.6. Is-Sindku qablet li tiċċekkja dwar *caterers*.

## 7. SERVIZZ TA' ACCOUNTANT

7.1. Is-Sindku infurmat li saru laqgħat ma' dawk li tefgħu l-offerta tagħhom għas-servizz ta' *accountant* nhar it-23 ta' Jannar.

7.2. Hija infurmat li kien żdied is-servizz kif mitlub oriġinalment u għalhekk l-applikanti intalbu jirrevedu l-kwotazzjoni.

7.3. Kien hemm qbil li jintgħażel is-Sur Anthony Chircop bħala l-irħas wieħed għall-prezz ta' €2,400 fis-sena.

**8. SERVIZZI KLERIKALI TEMPORANJI**

8.1. Is-SE informa li l-unika kwotazzjoni li kien irċieva kienet mingħand Pauline Agius għall-prezz ta' €5.31 kull siegħa inkluż il-VAT.

8.2. Il-Kunsill qabel li jaċċetta s-servizzi tas-Sinj. Agius.

**9. IL-BUDGET U L-BUSINESS PLAN**

9.1. Is-SE fakkar li issa huwa ż-żmien fejn il-Kunsill jibda jiddiskuti l-baġit u l-pjan ta' tliet snin. Huwa għalhekk talab biex min għandu xi suġġerimenti jressaqomlu ħalli jkunu jista' jgħaqqad dokument wieħed.

9.2. Is-SE kien mitlub li jinkludi l-proġett ta' Triq il-Kbira, Baħar iċ-Ċagħaq, aċċessibilità, il-promozzjoni ta' għajxien aħjar (healthy living) u l-iskema ta' frankar ta' enerġija.

**10. TMIEM IL-LAQGĦA**

10.1. Is-SE informa li l-Kunsillier Joe Grech kien irranġa biex ingħatat donazzjoni ta' kotba ġodda. Il-Kunsill jirringrazzja formalment lid-donaturi.

10.2. Il-Kunsillier Grech u s-SE infurmaw li l-inkwadru (ritratt) tal-pittura t'Alla u Ommu tpoġġa fil-post wara li ġie rranġat il-gwarniċ tiegħu mis-Sur Peter Galea. Issa kien jonqos li li jinstab gwarniċ addattat għall-pittura propja. Il-Kunsill talab li l-pittura tkun assigurata filwaqt li kien mitlub jindaga dwar l-aħjar mezz biex ikun hemm dawl fin-niċċa u fuq il-pittura.

10.3. Is-Sindku semmiet li sewwieqa li jkunu ġejjin min-naħa ta' Triq Burmarrad għal fuq it-Triq t'Alla u Ommu qed iduru 'l fuq b'periklu kbir għas-sewwieqa li jkunu niżlin fid-direzzjoni tas-Salina. Hija talbet li jekk m'hemmx, issir tabella biex turi li wieħed irid idur 'l isfel u jdur mar-rawndebawt u li jsir l-infurzar meħtieġ.

10.4. Il-Viċi Sindku ipproponiet li ssir talba biex il-materjal li kien tpoġġa fit-Telgħa t'Alla u Ommu ma ma tiżloqx it-triq ikun estiż filwaqt li jsir ukoll fuq in-naħa l-oħra tat-triq.

10.5. Il-Kunsillier Joe Grech staqsa x'sar minnha l-ordni biex jitpoġġa materjal simili fi Triq l-Ingilterra. Is-SE wieġeb li jrid jindaga u jagħti risposta lura.

10.6. Il-laqgħa ġiet fi tmiemha fl-10:30pm filwaqt li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tlieta 17 ta' Frar.

**Maria F. Deguara** *MD,MMCFD*
Sindku

**Paul Gatt** *Dip.Mgmt (Henley), MIM*
Segretarju Eżekuttiv